# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 334/98**

**Numru 34**

**Sebastian Zammit u Angelo Corito**

**vs**

**Renato Porteli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li, prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh fl-17 ta' Gunju, 1997 fl-1.30p.m. fi Triq Clarence kantuniera ma' Triq Qrejten, Msida, sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuragni, b'impurdenza, b'imperizja u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku hareg bil-vettura DAH 925 minn fuq Stop Sign bir-rizultat li baqa' diehel fuq il-vettura F-4151, propjeta tal-attur Sebastian Zammit misjuqa mill-attur Angelo Corito u kkagunalha hsarat, il-konvenut ihallas lill-atturi l-istess danni hekk likwidati f'somma li ma teccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu, 1997 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-eventwali hlas - ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 7 tal-atti):

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

2. Illi l-incident tas-17 ta' Gunju 1997 li sehh bejn il-vettura propjeta tal-attur numru F-4151 u dik tal-konvenut bin-numru DAH 925 gewwa Triq Clarence, Msida, sehh unikament minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-atturi.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat dak verbalizzat a fol 57 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, b'referenza ghad-<u>dinamika tal-incident</u> in esami, xehdu is-segwenti bid-dokumenti in sostenn kif ser jinghad:

1) L-attur Angelo Corito (ara "affidavit" a fol 21 tal-atti) spjega li hu kien qed jsuq il-vettura "Van Transit" bin-numru F-4151 fi Triq Clarence, Imsida. Meta hu wasal fil-kantuniera ma Triq Qrejten, vettura ohra tal-marka "Pajero" bin-numru DAH 925 u misjuqa mill-konvenut, fi kliemu stess "(Il-konvenut) baqa' hiereg bis-sahha minghajr ma waqaf u dan minkejja li hemm "stop sign" kif ukoll "stop" kbira mal-art fi Triq Qrejten kif ukoll "...... harget f'daqqa".

2) Dan il-kaz gie investigat minn PS 78 Joseph Cremona (fol 34 et seq ibid) li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz relattivi ghall-istess incident (fol 36 u 37 tal-atti). In rigward l-istess skizz jigu notati:

a) is-sinjal ta' "stop" f'Triq Qrejten minn fejn kien hiereg il-konvenut sabiex jidhol fi, jew jaqsam, Triq Clarence hawn fuq imsemmijin;

b) marki ta' "brakes" wara l-vettura misjuqa minn Angelo Corito. In rigward dawn il-marki, l-istess fizzjal irrifera ghalihom bhala "tul ta' vettura u nofs".

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess jidher evidenti li dan l-incident kien kagunat minn traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenut li ma waqafx fejn hemm sinjal

ta' "stop" sabiex jkun jista jara u jesplora jekk fil-fatt kienux gejjin vetturi ohra mill-lemin tieghu minn fejn kien gej il-"van" misjuq minn Angelo Corito.

Ikkunsidrat

Illi in rigward hsarat xehed Charles Galea li esebixxa kopja tas-"survey report" li sar fuq il-vettura proprjeta' tal-attur Sebastian Zammit bir-ritratti relattivi "in fotocopia" (fol 16 sa 19 ibid).

Illi, inoltre l-istess atturi ippresentaw prospett dettaljat dwar l-ispejjes inkorsi (fol 26 ibid) ammontanti ghal Lm1157.58,0 kif ukoll seba ircevuti relattivi ghall-istess tiswijiet (Dok RB1 sa Dok RB7 a fol 41 sa 47 ibid) ammontanti ghal Lm716.05 (ara ukoll ix-xhieda ta' Emanuel Schembri).

Illi wara li rat l-istess prospett u ircevuti minn fejn jidher li hemm diskrepanza bejniethom risultanti mill-ammont imhallas lil "Emanuel Schembri and Son", il-Qorti ser taccetta l-ammont globali risultanti mill-ircevuti esebiti in atti. Del resto, ma tistax taccetta l-ammont risultanti mill-istess prospett stante li f'dan il-kaz tkun inkompetenti "ratione valoris". Inoltre d-danni involuti huma dovuti biss lill-propjetarju tal-"van Transit" imsemmi li hu l-attur Sebastian Zammit li ghandu interess legali u ta' fatt f'dan il-kaz "qua" sid l-istess vettura.

Ikkunsidrat

Illi jissemma li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-eccezzjoijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici kif premess u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm716.05,0;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur Sebastian Zammit, wahdu, is-somma ta' Lm716.05,0 bl-imghax legali mit-23 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu 1997.

Alan Calleja
Dep.Reg